MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1772/2000/1

**Joseph u Josephine konjugi Abdilla**

**vs**

**Av Dr Richard Sladden u Pl Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati mahtura biex jirraprezentaw lill-assenti Matthew Farrugia u b'nota tal-20 ta' April 2001 GasanMamo Insurance Agency Limited bhala Agent tas-socjeta' estera CGU Insurance plc assumiet l-atti ta' dina l-kawza minflok il-konvenuti kuraturi deputati**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi fil-31 ta' Mejju 1998 waqt li l-attur kien isuq van Subaru numru KAA 492 f'Hal Kirkop hu safa involut f'habta mal-Mazda numru LEK 365 misjuqa minn Matthew Farrugia u

fl-incident is-Subaru spiccat maqluba u estensivament dannegata;

Illi dan importa lill-istanti sofrew danni ammontanti ghal elf u seba’ mitt liri maktin (Lm1700);

Illi l-incident gara minhabba imperizja, negligenza u imprudenza u inosservanza tar-regolamenti da parti ta’ l-imsemmi Matthew Farrugia izda dan qed jichad htijietu;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-incident imsemmi gara tort u htija ta’ Matthew Farrugia;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm1700 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti accorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3 Tikkundannahom ihallsu lill-istanti l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta danni;

Bl-ispejjez kommprizi dawk ta’ l-ittra interpellatrici u konsult (Lm11.50c) u dawk tal-ittra ufficjali tal-05/05/2000, dawk tar-rikors ghall-hatra tal-kuraturi prezentat ukoll fil-05/05/2000, dawk ta’ l-itta ufficjali tal-llum ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta’ dina c-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subissjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati l-Avukat Richard Sladden et nomine fejn gie eccepit illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati Dottor Richard Sladden et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-20 ta’ April 2001 tas-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta estera CGU Insurance plc li biha assumiet l-atti tal-kawza minflok il-konvenuti kuraturi deputati;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance plc li b’nota tal-20 ta’ April 2001, assumiet l-atti ghan-nom tal-assenti Matthew Farrugia fejn gie eccepit :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u dan peress li l-incident awtomobillistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-istess attur minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, meta dan qabad u hareg minn fuq STOP SIGN, minghajr ma zamm ‘a proper look out’ u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati minnu;

2. Illi inoltre l-kwistjoni ta’ responsabbilta’ ghall-incident diga’ giet risolta stante li l-assikurzzjoni tal-attur u cioe’ Atlas Insurance Agency Limited, accettat it-tort ghall-incident u hallset lis-socjeta’ eccipjenti ghad-danni sofferti fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta’ eccipjenti liema vettrua kienet misjuqa mill-konvenut Matthew Farrugia;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ GasanMamo Insurance Agency Limited nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

Rat l-affidavit tal-konvenut Matthew Farrugia;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq talba tal-atturi;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-31 ta' Mejju 1998 sehh incident awtomobilistiku gewwa Valletta Street Hal Kirkop. In partikolari l-incident sehh fl-inkrocju li hemm bejn l-imsemmija Valletta Street u St. Peter's Street. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien isuq van Subaru numru ta' registrazzjoni KAA 492 u li kien hiereg minn Valletta Street ghal fuq St. Peter's Street. Minn fejn kien hiereg l-attur hemm stop sign. Involut kien hemm ukoll il-konvenut Matthew Farrugia li kien qed isuq Mazda numru ta' registrazzjoni LEK 365. Il-konvenut kien ghaddej fl-imsemmija St. Peter's Street;

L-atturi fic-citazzjoni jippremettu li l-vettura misjuqa mill-attur bhala konsegwenza tal-imsemmi incident spiccat maqluba u estensivament dannegata. Jippremettu ukoll li huma sofrew danni ammontanti ghal elf u seba' mitt liri maltin (Lm1700) u li l-incident gara tort tal-konvenut li ghalhekk hu responsabbli ghad-danni konsekwenzjali. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-incident imsemmi gara tort tal-konvenut, li jigu likwidati d-danni fl-ammont ta' Lm1700 jew somma verjuri u li l-konvenut jigi kundannat jhallas id-danni hekk likwidati;

L-attur fid-dikjarazzjoni specifika li fil-gurnata in kwestjoni ghal habta tas-satejn ta' filghodu (2am) huwa kien qed isuq l-imsemmija vettura go Valletta Road Kirkop u ried jaqsam St Peter Street. L-attur ikkonferma li huwa waqaf fuq l-istop sign u meta ra li ma kien gej xejn mix-xelluq tieghu go St Peter Street, beda jaqsam l-istess triq;

L-attur kompla jispecifika li kif dahal kompletament bil-faccata tal-vettura li kien qed isuq giet il-vettura misjuqa mill-konvenut minn St Peter Street, daret fuq ix-xellug taghha go Valletta Road, u tat daqqa lill-vettura li kien qed isuq l-attur fuq il-genb tax-xellug u qalbitha fuq il-lemin bir-rizultat li l-vettura tal-attur bdiet taghqad fit-triq u waqfet meta strahet mal-kurdun tal-bankina tal-lemin go Valletta Road. L-attur jiddikjara li l-karozza misjuqa mill-konvenut giet bla dawl u giet mal-lemin ta' St Peter Street billi fuq ix-xellug tal-istess triq f'tarf il-kantuniera kien hemm ipparkjat

truck. Is-surveyer li esamina il-vettura tal-attur kkonkluda li l-valur qabel l-incident tal-istess vettura kien ta’ Lm2000 mentri r-“wreck value” taghha gie kalkulat fis-somma ta’ Lm300;

Is-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance plc ghan-nom tal-assenti konvenut Matthew Farrugia qed teccepixxi li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur, li qabad u hareg minn fuq Stop Sign minghajr ma zamm ‘a proper look out’. Teccepixxi ukoll li l-kwistjoni ta’ responsabbilta’ diga’ giet risolta stante li l-assikurzzjoni tal-attur accettat it-tort ghall-incident u hallset lis-socjeta’ eccipjenti ghad-danni sofferti fil-vettura misjuqa mill-konvenut Matthew Farrugia;

Fid-dikjarazzjoni taghha is-socjeta konvenuta nomine tiddikjara li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet assikurata maghha taht polza “comprehensive” u hallset l-ammont ta’ elf, hames mija, u ghaxar liri maltin u disghin centzmu (Lm1510.90) bhala danni sofferti f’din il-vettura. Mir-‘Road Accident Report’ u mill-iskizz jirrzulta li l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort tal-attur Abdilla, li qabad u hareg min fuq STOP SIGN ghal triq principali minghajr ma zamm ‘a proper lookout’. Illi s-socjeta assikuratrici tal-attur accettat li l-assikurat taghha cioe l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u fil-fatt ghamlet tajjeb ghad-danni kollha sofferti fil-vettura misjuqa mill-konvenut;

Ghandu jigi rilevat mill-bidu nett illi l-kwestjoni jekk is-socjeta assikuratrici tal-attur accettatx jew le r-responsabilita ghar-rigward ta’ dan l-incident hi kwestjoni ghall-kollox irrilevanti ghal finijiet ta dawn il-proceduri. Din il-kawza, bhal kawzi l-ohra kollha, trid tigi deciza fuq il-provi li jipproducu l-partijiet u fuq dawk ir-rizultanzi li jigu sufficjentement ippruvati. Inoltre jidher li s-socjeta assikuratrici tal-attur qed tikkontesta l-fatt li hi accettat ir-responsabilita’;

Hu inevitabbli li f’kawzi bhal din iz-zewg sewwiqa involuti f’dan l-incident jghatu zewg verzjonijiet kontrastanti ta’ kif

sehh l-istess inciident. L-attur jghamel referenza ghad-dikjarazzjoni guramentata tieghu, li ghaliha gia saret referenza aktar il-fuq f'din is-sentenza. Fl-affidavit tieghu il-konvenut jikkonferma illi huwa kien ghaddej f'St. Peter Street u kien qed isuq b'velocita' normali, sejjer fid-direzzjoni tal-mina. Kif kien qed javvicina l-inkrocju ma Valletta Street, il-vettura misjuqa mill-attur tfaccat mill-istess Valletta Street, fuq il-lemin tal-konvenut. Skond il-konvenut l-attur kien ghaddej b'velocita' eccessiva u la waqaf u lanqas naqqas il-velocita' tieghu meta hareg minn fuq l-istop sign li hemm minn fejn kien hiereg l-istess l-attur. Ghalhekk saret il-habta. Dejjem skond il-konvenut il-vetturi baqghu jitkaxkru ma xulxin pero' f'hin minnhom isseparaw. Huwa qal li l-hgieg mal-art ma kienx fl-ispot of impact imma fejn il-vetturi sseparaw wara li tkakru flimkien;

B'mod generali jista jinghad, a bazi ta' dak kollu li gie sa issa rilevat f'din is-sentenza, li l-attur jghid li waqaf fuq l-istop sign. Jghid ukoll li l-konvenut kien gej bla dwal u kien gej fuq in-naha l-hazina tat-triq. Minn-naha l-ohra l-konvenut jghid li l-attur baqa hiereg minn fuq l-istop sign minghajr ma spezzjona t-triq u kien ghaddej b'velocita' eccessiva;

Iz-zewg xhieda prodotti mill-attur mhux ghal kollox affidabbli. Fi kwalunkwe kaz it-tnejn qalu li ma rawx l-incident isehh u harsu biss wara li semghu il-habta;

Il-konvenut ma jaqbilx li l-habta sehhet fejn hemm indikat l-ispot of impact fl-iskizz. Jirrizulta sufficjentement pruvat pero' li in effett il-habta sehhet skond kif indikat fl-istess skizz. Dan jirrizulta b'mod partikolari mill-kumpless tal-provi prodtti, minn dak li qal is-surgent tal-Pulizija li nvestiga l-habta u mill-iskizz. Ghalhekk jirizulta li meta sehhet il-habta l-attur kien gia kwazi qasam ghal kollox l-inkrocju in kwestjoni. L-istess provi u rizultani jindikaw ukoll li l-konvenut kien ghaddej b'velocita' aktar milli jmissu fic-cirkostanzi li fihom kien jinsab;

Jirrizulta ukoll, pero’, li l-attur baqa hiereg minn fuq l-istop sign u ma waqfx biex jispezzjona t-triq. Huwa ghalhekk ma zammx a “proper look out”;

L-incident sehh tort tal-konvenut li kien ghaddej b’velocita’ eccessiva u sehh ukoll tort tal-attur li ma waqafx fl-inkrocju meta kellu jieqaf u jispezzjona l-istess inkrocju. Ir-responsabilita’ ghall-incident in kwestjoni ghalhekk ghandha tinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

L-attur jippretendi li l-vettura tieghu li kien qed isuq kienet “total loss” u jippretendi li ghalhekk sofra danni ammontanti ghal elf u seba mitt liri maltin (Lm1700). Ma saret ebda prova in sostenn ta’ dawn il-pretensjonijiet. Mir-rizultanzi u mic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz hu verosimili li l-vettura tal-attur kienet “total loss” wara l-habta. Jidher ukoll li l-ammont reklamat mill-attur hu wiehed ragionevoli ukoll tenut kont tac-cirkostanzi kollha rilevanti;

Ghal dawn il-motivi l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghaL kollizzjoni in kwestjoni pero’ dan it-tort tal-konvenut ghandu jinqasam ugwalment ma l-attur;

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi dwar it-talbiet tal-atturi billi tiddikjara li l-incident imsemmi gara tort u htija ta’ Matthew Farrugia pero’ din ir-responsabilita’ ghandha tinqasam ugwalment mal-attur u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bhala ammontanti ghal elf u seba mitt liri maltin (Lm1700) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attur nofs din is-somma u cioe’ tmien mija u hamsin liri maltin (Lm850) in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------